XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 446***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 74***
***Il-Ġimgħa 19 ta' Ottubru 2012 fis-6:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:00pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Joseph Vella - Vici Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier 6:30p.m.*

*Marthese Portelli - Skuzata*

-------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqgħalet it-Talba.*

1. **<u>Minuti 445</u>**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 445 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

2. **<u>Triq It-Tessuti</u>**

   Kienu prezenti John Saliba, Pierre Cauchi u Franco Saliba. Ħuma ġew jirringrazzaw lil Kunsill u l-Perit tal-Kunsill rigward il-kaz ta' Triq it-Tessuti. Il-Kunsill qabel li s-segretarja għandha titlob stima lil Perit ta' kemm ser jigi jiswa' dan il-kaz biex il-Perit jibqa' jiddefendi l-Kunsill u r-residenti ta' dik iz-zona.

3. **<u>Jum ix-Xewkija 2012</u>**

   Is-Sindku infurmat li l-Kunsill għaddej bil-preparamenti ta' Jum ix-Xewkija. Gie deċiz li l-inviti għandhom jitqasmu bhal tas-sena l-oħra b'indirizzi personali. Ser ikun hemm tournament tal-footbal li ser jieħdu ħsieb jorganizzawh x-Xewkija Tigers Club bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsill u ser jipprezentaw trofew lil kull team

li ser jieħu sehem. Is-Segretarja infurmat lil Kunsill li t-trofew ser jinxtraw mix-XTC li imbgħad il-Kunsill iħallas ghalihom, il-Kunsill qabel. Il-Kunsill qabel ukoll li Jum ix-Xewkija din is-sena issir fic-Centru Parrokjali. Se jsir suggeriment lill-Banda Prekursur li l-programm din is-sena jinbidel min dak s-sena l-oħra għal tip ta' brass band. Is-Segretarja ser tagħmel kuntatt mas-Segretarju tal-Banda Prekursur. Il-Vici Sindku Joseph Vella issuġġerixxa li għandhom jieħdu sehem il-kor ta' l-iskola Primarja tax-Xewkija, is-Sindku għandha tagħmel kuntatt mas-Surmast. Il-Kunsillier Hubert Saliba issuġġerixxa li jkun hemm model show u wirja tal-ħut għall-Jum il-Kunsill.

4. **Christmas Village**

Is-Sindku issuġġeriet li issir Christmas Village. Kien hemm suġġeriment mingħand il-Kunsillier Hubert Saliba li issir l-akbar Christmas log. Il-Segretarja għandha ggib stimi ta' tinet għall Christmas Village. Hu ssuġġerixxa ukoll li jiġu l-Għaqda tal-Presepji biex jagħmlu dimostrazzjoni fuq il-presepji waqt il-Christmas Market.

5 **Belvedere tal-Barmil**

Kien hemm preżenti il-Perit John Saliba li ltaqa' ma' sidien ir-raba li hemm fi Triq il-Manwala izda ma kienx hemm qbil rigward il-qsami. Is-Sindku issuġġeriet li l-Kunsill għandu jerga' jiltaqa' fil-post mal-perit biex isiru l-qsami. Is-Segretarja ser tħallas din l-applikazzjoni tal-MEPA u l-Perit ser izzid aktar sigar minflok bankijiet peress li dawn ma gewx aċċettati mill-MEPA.

6. **Belvedere tal-Horob**

Il-Kunsill qed jircievi hafna ilmenti dwar rimi ta' skart fi triq tal-Horob u qed jintefqu hafna flus biex din it-triq tinzam nadifa. Is-Sinku issugerit li isir belvedere sabiex titnehha darba ghal dejjem din il-problema ta' l-iskart. Hija qalet li dan l-ahhar harget applikazzjoni tal MEUSAC min fejn nistghu ingibu l-fundi biex isir dan il-belvedere. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u ghalhekk is-Segretarja ghandha tikkontatja il-Perit John Sabilba biex isir l-applikazzjoni mal-MEPA sabiex ingibu il-permess ghal dan il-belvedere. Fl-istess waqt ghandna naghmlu din l-applikazzjoni mal-MEUSAC sabiex ingibu l-fundi ghal dan il-progett.

7 **Applikazzjoni tal-Unjoni Ewropeja ta' l-ERDF**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hemm applikazzjoni tal-Unjoni Ewropeja ta' l-ERDF. Is-Sindku issuġġeriet li l-Kunsill għandu japplika biex tittranga l-Berga li tinstab fi stat ħazin, biex issir Il-pjazza u it-toroq tal-madwar bit-tarmak u l-estensjoni tal-Kunsill tiġi inkluza ukoll. Il-Perit Gianni Saliba kien prezenti u qal li ser jiehu l-qisien tat-toroq u tal-Pjazza San Gwann Battista, Triq il-Knisja, Triq il-Helsien, Triq San Zakkarija u Triq Ein Karem u jagħmel BOQ tagħhom. Il-Perit għandu ukoll jmur jara l-Berga u jagħmel pjanta u BOQ tagħha. Is-Sindku infurmat lill-Perit li dan ix-xoghol irid isir malajr kemm jista jkun u biex jekk ma

XEWKIJA

jistax jaghmlu jitkellem mal-ewwel.  Il-Perit qal li fi tlett ijiem se jaghmel ix-xoghol mitlub. Is-Sindku infurmat lil Kunsill li l-informazzjoni dwar din l-applikazzjoni waslitilna ftit tard peress li baqa’ biss għaxart tijiem qabel din l-applikazzjoni tagħlaq u infurmat lis-Segretarja biex tibda tigbor l-informazzjoni neccessarji biex ikunu nistghu napplikaw.

8. **Radju Prekursur**

Kien Prezenti Frans Galea li qal lill-Kunsill li bil-maltemp l-apparat tar-radju inħaraq.  Hu qal lill-kunsill li hemm bzonn issir trinka min ma genb iz-zuntir għal Triq San Zakkerija u Triq San Pawl.  Is-Sindku infurmat lil Frans biex l-ewwel iggib stima tax-xoghol neccessarji mingħand kuntrattur u mbgħad jgħaddija lil Kunsill biex jiehu deċizjoni fuqha, kif soltu jsir.

9. **Offerti**

i. Offerta ta’ twaqqigħ u bini mill-ġdid ta’ Latrina Pubblika fi Pjazza San Gwann Battista

Il-Kunsill fetaħ  l-offerti. Kien hemm erbgħa offerti. Is-Sindku ddikjarat li għandha interess pekunjarju u għalhekk ħarget mill-laqgħa f’dan il-mument biex tottempora ruħha ma' l-artiklu 19 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali. L-offerti kienu:- GV Gozo Developments – 58,190euro, Peter Paul Said-  51,426.85euro, Simon Sultana – 57,823.10euro, Patrick & Dominic Refalo – 45,458.25euro.
Il-Kunsill iddeċċida li ser jqabbad lill-Perit John Saliba biex jara l-BOQ u jagħmel rapport fuqhom u imbgħad jiddeċiedi l-Kunsill wara.

ii. Offerta għall-instalazzjoni ta’ servizzi mekkanici u elettrici fil-bini tal-Latrina Pubblika fi Pjazza San Gwann Battista.

F’dan il-mument is-Sindku giet infurmata li tista’ terga’ tidħol għal-laqgħa. Is-Sindku regghet dahlet ghal-laqgha.

Il-Kunsill fetaħ  l-offerti kien hemm offerta waħda:- General lifts Ltd – 37,659,33 euro. Il-Kunsill iddeċċida li ser jaħtar espert biex jara l-BOQ u jagħmel rapport fuqha u mbgħad jiddeċiedi l-Kunsill.

iii. Offerta għall-provista ta’ Monitoraġġ tas-Sigurta fuq ix-xoghol waqt il-bini tal-Latrina Pubblika fi Pjazza San Gwann Battista.

Ma kien hemm l-ebda offerta.

10. **Offerta tat-Tindif tat-Toroq**

Is-Segretarja infurmat lill-Kunsill li din l-Offerta daqt tagħlaq f’Novembru 2012.
Il-Kunsill qal lis-segretarja biex tara mad-dipartiment jekk tistax issir estenzjoni fuqha u jekk le terga' tinħareg oħra.

XEWKIJA

## 11. Estenzjoni ta’ l-Ufficcju tal-Kunsill

Is-Sindku wriet lill-Kunsill il-pjanta ppreparata mill-Perit Micallef dwar it-tkabbir ta’ l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u Centru ta’ Matul il-Jum Għall-Anzjani. Il-Kunsill kollu qabel fuqha. Is-Segretarja għandha tkellem lil Perit Micallef biex jagħmel l-applikazzjonijiet neccessarji mal-MEPA.

## 12. Triq Indri Borg

Il-Kunsill irċieva PQ numru 36975 mingħand l-Onor. Anton Refalo rigward Triq Indri Borg. Il-Kunsillier Hubert Saliba staqsa ghaliex għad baqa' biċċa mit-Triq li ma gietx miksija. Is-Sindku infurmat lill-kunsill li hemm problema ta’ leakage ta’ l-ilma li kien qed jidħol fil-propjeta' ta’ Martin Vella minn mindu l-Kunsill għamel din it-triq bit-tarmak. Dwar din il-problema kien gie nfurmat ukoll il-Perit inkarigat mill-bini ta’ din it-triq, John Saliba. Il-Perit kien informa lis-Sindku u s-Segretarja li ried jara l-ilma minn fejn hu ġej meta terga’ tagħmel ix-xita. Għalhekk il-mod li tittranga l-problema hu li jew il-kunsill jistenna li tkun ix-xita u jara min fejn ħiereg il-leakage jew inkella il-Kunsill jagħti l-wicc tat-triq u terga' tinfetaħ. Il-Kunsill qabel li din i-problema għandha tiġi nvestiġata u tinsab soluzzjoni. Wara tingħata t-tieni kisja tarmak inkella tkun qed issir spiza għalxejn. Se tintbagħat risposta għall-mistoqsija parlamentari f’dan is-sens.

## 13. Approvazzjoni ta’ ħlasijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 14. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fl-11:00 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Dr Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |